RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# Skeda Programmi Xitwa
*(30 ta' Diċembru 2024 - 30 ta' Marzu 2025)*

| ĦIN | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT | ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | | 7.30: Jum il-Mulej |
| 8.05am | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum |
| 9.00am | Lectio Divina / Milli Qrajt / ikompli Kuntatt | | | | | | (8.40am) Aħbar ta' Ferħ |
| 9.30am | | Għalik kollox | | | | | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 10.00am | ikompli Kuntatt | Mid-Direttur | ikompli Kuntatt | | | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca | Quddiesa |
| 11.00am | Confessio | Niċċelebraw Flimkien il-Ġublew | Ftit minn Kollox | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja | L-Aħħar Qatra | Pellegrini tat-Tama | Kireħ u Bileħ (rpt) |
| 12.00pm | Anġelus, Rużarju u Talb ta' nofs il-Jum | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel |
| 1.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt) | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine | Mal-Melodija Maltija (rpt) |
| 2.00pm | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Qari - Fonti għall-ħajja (S.Antnin ta' Padova) | Qari - Preparazzjoni għas-Siegħa l-Kbira | Il-Miraklu ta' Radju Marija | (2.10pm) Qari - Mons.Dun Salv Grima | | Ħadd Kumpanija |
| 2.30pm | | Relazzjonijiet | Il-Mirakli Ewkaristiċi | Fil-Klassi tad-Duttrina | | | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Omelija mid-Djoċesi t'Għawdex | Ħadd Kumpanija (ikompli) |
| 4.00pm | Fl-iskola ta' San Piju | Kbir int Mulej | Ejjew u taraw..u marru u raw | Mid-Djarju tal-Papa | TOTA PULCHRA Kollok kemm int sabiħa | Kireħ u Bileħ | |
| 4.30pm | | | | | Spirtu s-Santu Merħba bik | | |
| 5.00pm | Għal ħajja aħjar | Ejjew għandi..u jien inserraħkom | Marija, Mara ta' żminijietna | Intom id-Dawl tad-dinja | Għanjiet il-qalb | Għandi lilek, għandi kollox | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | | |
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Il-Qrar ifejjaq l-imrar |
| 7.10pm | Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi - Għasar | | | | | | |
| 7.25pm | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Katekeżi minn Papa Franġisku | Qari Skrittura |
| 7.40pm | In-Novena | | | | | | |
| 8.00pm | Ara Ommok | Tweġiba Kattolika | Kont marid u ġejtu żżuruni | Nimxu mal-Mulej | Ngħix ta' Nisrani vera, kif jgħidilna s-Superjur Ġorġ Grima | Aħbar ta' ferħ | Magazine (rpt) |
| 8.30pm | | | | | | | |
| 9.00pm | Inbid Ġdid | | Għajn ta' Ġid | Mis-Swali tal-Kunċerti | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri | |
| 9.30pm | | | | | | | |
| 10.00pm | Rużarju, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca (rpt) | Confessio (rpt) | Niċċelebraw Flimkien il-Ġublew (rpt) | Fanal għal riġlejja (Lectio Divina) (rpt) | Mid-Direttur (rpt) | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja (rpt) | Jum il-Mulej (rpt) |
| 11.30pm | | | | | | | |
| | **TLIETA** | **ERBGĦA** | **ĦAMIS** | **ĠIMGĦA** | **SIBT** | **ĦADD** | **TNEJN** |
| 12.00am | Għandi lilek, għandi kollox (rpt) | Ngħix ta' nisrani vera (rpt) | Jien hu l-ħobż tal-Ħajja (rpt) | Tifkiriet ta' Nostalġija (rpt) | L-Armonija fl-għanja Nisranija (rpt) | Għannu lil ismu (rpt) | Mis-Swali tal-Kunċerti (rpt) |
| 1.00am | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) | Qari Skrittura (rpt) | Qari - Fonti għall-ħajja (rpt) (S.Antnin ta' Padova) | Għal ħajja aħjar (Taħdita minn Kuntatt) | Intom id-dawl tad-dinja (rpt) | Il-Mirakli Ewkaristiċi (rpt) | Fil-Klassi tad-Duttrina (rpt) |
| 1.30am | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Ġużepp u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena | Rużarju tad-Duluri u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena |
| 2.00am | L-Aħħar Qatra (rpt) | Ara Ommok (rpt) | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Kbir int Mulej (rpt) | Mid-Djarju tal-Papa (rpt) | Ejjew u taraw..u marru u raw (rpt) | Pellegrini tat-Tama (rpt) |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Qari - Mons.Dun Salv Grima (rpt) | Relazzjonijiet (rpt) | Il-Qrar ifejjaq l-imrar (rpt) | Għalik kollox (rpt) | Qari - Preparazzjoni għas-Siegħa l-Kbira (rpt) | Ejjew għandi.. U jien inserraħkom (rpt) | Għanjiet il-Qalb (rpt) |
| 4.00am | Ruzarju | | | | | | |
| 4.30am | Magazine (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietrelcina (rpt) | Ftit minn kollox (rpt) | Tweġiba Kattolika (rpt) | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt) | Nimxu mal-Mulej (rpt) |
| 5.30am | | Fanal għal riġlejja (Lectio Divina) | Inbid Ġdid (rpt) | Għajn ta' Ġid (rpt) | | Marija, Mara ta' żminijietna (rpt) | TOTA PULCHRA Kollok kemm int sabiħa (rpt) |
| 6.00am | | | | | | X'għadek tiftakar mill-Katekiżmu? (A) | Spirtu s-Santu Merħba bik (rpt) |
| 6.30am | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ |

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

Radju Marija miegħek 24/7 - www.radjumarija.org/listen-live



# ĠUBLEW KULJUM... KULJUM ĠUBLEW

F'intervista lil Mons. Arċisqof, nhar it-Tlieta, 3 ta' Diċembru, permezz tat-telefon li jkollna kull xahar fuq l-istazzjon tagħna, l-Eċċ Tiegħu kkumenta li Radju Marija huwa Ġublew kuljum għaliex isegwi l-poplu tagħna f'dak li jkun għaddej minnu fid-djoċesi.
Iva, għandu raġun u iva dan hu minnu għaliex ir-regoli tal-World Family of Radio Maria huma ċari ħafna u dawn huma li aħna nistqarru li nħaddnu t-tagħlim tal-Knisja Kattolika, li dejjem nżommu fedelta' sħiħa mal-Papa u li dan irid jidher billi aħna nkunu ma' l-Isqof tal-post u ma' dak li jiġri fid-djoċesi, kemm fuq livell djoċesan kif ukoll parrokkjali.
Aħna rridu nfakkru lill-poplu l-għajnuna li toffri l-Knisja f'Malta u f'Għawdex u l-attivitajiet tagħha.

Kemm inħossni kburi li jkollok nies li jilqgħu l-istedina tagħna għal dak li toffri l-Knisja u l-għaqdiet,u li dawn imorru għal xi ħaġa jew oħra u xi kultant tiltaqa' magħhom u jgħidulek li ġew għax semgħu l-avviż fuq ir-radju.
Kemm drabi persuna tkun aċċettat li tattendi xi grupp, eżempju bħall-quddiesa partikulari, tissieħeb ma' xi għaqda jew kors ta' formazzjoni u dan jagħmel bidla f'ħajjitha.
Hemm min sar attiv ukoll fil-paroċċa, hemm min sab sens f'ħajtu u hemm min sab faraġ jew anki ħelsien minn vizzju jew dwejjaq kbar.

Meta nies jesperjenzaw ħelsien f'ħajjithom permezz ta' Kristu u l-Madonna, hemmhekk inħoss il-ħtiega li dan l-istazzjon għandu, speċjalment biex iwassal il-ħidma ta' ħafna li b'dak li joffru jressqu lil ħafna lejn il-mistrieħ u l-paċi tal-qalb.
Verament nara b'għajnejja mirakli kbar iseħħu spiss. Nirringrazzja lill-benefatturi kollha u lill-voluntiera li jagħmlu possibbli li Radju Marija jkun kuljum Ġublew, għaliex kuljum ixandar il-ħelsien fi Kristu u li jkun ukoll Ġublew kuljum għax tista' tgħid li kuljum nisimgħu esperjenzi sbieħ ta' ħelsien minn rabtiet dizordinati u bidu ta' ħajja ġdida permezz ta' dan ix-xandir.

*Nawguralkom Sena Qaddisa u Ġubilari.*

**Fr. Antoine Borg**
*Direttur ta' Radju Marija*



# 2025

## SENA BL-ENTUŻJAŻMU TAT-TFAL

"Inħarsu lejn il-futur bit-tama jfisser ukoll li jkollna viżjoni tal-ħajja mimlija entużjażmu biex ngħadduha lill-oħrajn....

Għalhekk il-komunità Nisranija ma tistax ma tkunx fuq quddiem biex twieżen il-bżonn ta' patt soċjali għat-tama, li jkun inklużiv u mhux ideoloġiku, u jaħdem għall-ġejjieni mmarkat mit-tbissima ta' tant tfal..."

SPES NON CONFUNDIT
Papa Franġisku għall-Ġublew 2025

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL MEDJUGORJE MA' RADJU MARIJA MALTA

Mill-01 ta' Settembru sat-8 ta' Settembru 2025.

*Bookings jiftħu f'Jannar 2025 u għal aktar dettalji Ċempel fuq in-numru:*

**2145 3105**

# Servizzi offruti minn Radju Marija

### Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, u kull nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Importanti li l-avviżi jiġu ppreżentati fir-Reception ta' Radju Marija fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità. Ma jiġux aċċettati avviżi permezz tat-telefon.

### Avviżi komunitarji mxandra kuljum fuq Radju Marija

Il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom huma mistiedna biex jibgħatu l-avviż sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel fuq info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.


RADJU MARIJA 102.3FM/107.8FM

40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta RBT 2503

+356 2145 3105

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta

www.radjumarija.org

VO/1584


www.radjumarija.org/listen-live

